**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Manuel Attard**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Manuel Attard ta' 38 sena bin Tarcisio u Maria Concetta nee' Spiteri imwieled Pieta' fil-21 ta' Gunju 1977 u joqghod 'Tayina' Flat 7 Triq l-Iskuna, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-Identita' numru 332877(M);

Talli bejn l-4 ta' Lulju 2013 u l-23 ta' Lulju 2014, fil-Mellieha:

1) B'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala l-*account holder* tal-arlogg tad-dawl fl-istabbiliment maghruf bhala *Rebakah's Restaurant* ta' 20-22 Triq il-Tagham, Mellieha, b'mezzi qarrieqa u li bihom setgha kellu uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan

il-kurrent elettriku jew li bihom setgha twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew marka fil-*meter*, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur u cioe cirka **10,810.82 euro**.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264(1)(2), 267, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti, wara li giet infurmata mill-Korporazzjoni Enemalta li l-pendenzi gew imhallsa u ghalhekk il-korporazzjoni rtirat il-kwerela taghha u m'ghanda ebda pretensjoni fil-konfront tal-imputat, qed tiddikjara dawn il-proceduri ezawriti.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**